2025/2179

30.12.2025

REGOLAMENT TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUMMISSJONI (UE) 2025/2179

tat-12 ta' Settembru 2025

li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni għall-applikazzjoni tar-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard għall-għoti tal-informazzjoni għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern tal-Bonds Ekoloġiċi Ewropej

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Novembru 2023 dwar il-Bonds Ekoloġiċi Ewropej u d-divulgazzjonijiet fakultattivi għall-bonds ikkummerċjalizzati bħala ambjentalment sostenibbli u għall-bonds marbuta mas-sostenibbiltà ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 23(7), ir-raba' subparagrafu tiegħu,

Billi:

(1) Il-mod kif tiġi pprovduta dik l-informazzjoni f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern jenħtieġ li jippermetti lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA, European Securities and Markets Authority) tivvaluta jekk il-kundizzjonijiet imsemmija fl-Artikolu 23(2) tar-Regolament (UE) 2023/2631 humiex issodisfati, inklużi l-kundizzjonijiet stabbiliti fir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2180 ([2]).

(2) Biex tiġi ssalvagwardjata s-sigurtà u tissaħħaħ il-ġestjoni u l-użu tad-data, il-formoli, il-mudelli u l-proċeduri standard li jenħtieġ li jintużaw mill-applikanti meta japplikaw għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern jenħtieġ li jippermettu r-reġistrazzjoni permezz ta' mezzi diġitali. Għalhekk, kwalunkwe informazzjoni li l-applikanti jissottomettu lill-ESMA f'applikazzjoni għar-reġistrazzjoni jenħtieġ li tkun tista' tinqara minn magna u tiġi pprovduta fuq mezz durabbli.

(3) Sabiex l-ESMA tiġi assistita fl-identifikazzjoni tad-dokumenti li applikant ikun ippreżenta bħala parti mill-applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, jenħtieġ li jiġi pprovdut numru ta' referenza uniku li jikkorrispondi ma' kull dokument.

(4) Għall-finijiet ta' assigurazzjoni u ta' responsabbiltà, l-applikanti li jressqu applikazzjoni għar-reġistrazzjoni lill-Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq (ESMA) jenħtieġ li jikkomplementaw dik l-applikazzjoni b'ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tagħha, li tiċċertifika li l-informazzjoni pprezżentati hija preċiża u kompluta skont l-aħjar għarfien ta' dak il-membru.

(5) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi ta' implimentazzjoni ppreżentati lill-Kummissjoni mill-ESMA.

(6) Dan ir-Regolament jirrispetta d-drittijiet fundamentali u josserva l-prinċipji rikonoxxuti fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari d-dritt għall-protezzjoni tad-data personali. L-ipproċessar ta' data personali għall-finijiet ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mad-dritt tal-Unjoni dwar il-protezzjoni ta' data personali. F'dan ir-rigward, kwalunkwe pproċessar ta' data personali mill-ESMA

([1]) ĠU L, 2023/2631, 30.11.2023, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2023/2631/oj.

([2]) Ir-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2180 tat-12 ta' Settembru 2025 li jissupplimenta r-Regolament (UE) 2023/2631 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji li jispeċifikaw il-kundizzjonijiet għar-reġistrazzjoni tar-rieżaminaturi esterni u l-kriterji għall-valutazzjoni tal-ġestjoni tajba u prudenti tar-rieżaminaturi esterni, l-adegwatezza tal-għarfien, l-esperjenza u t-taħriġ tal-impjegati tar-rieżaminaturi esterni u l-kundizzjonijiet li bihom ir-rieżaminaturi esterni jesternalizzaw l-attivitajiet ta' valutazzjoni tagħhom (ĠU L, 2025/2180, 30.12.2025, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg_del/2025/2180/oj).

fl-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([3]). Kwalunkwe pproċessar ta' data personali mwettaq mill-entitajiet li japplikaw għal rieżaminatur estern fi ħdan l-applikazzjoni ta' dan ir-Regolament jenħtieġ li jitwettaq f'konformità mar-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([4]) u mar-rekwiżiti nazzjonali dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali.

(7) Sabiex l-ESMA tkun tista' twettaq il-valutazzjoni għall-finijiet tar-reġistrazzjoni inizjali, filwaqt li tiżgura salvagwardji xierqa, id-data personali relatata mal-applikanti għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern jenħtieġ li tinżamm mir-rieżaminaturi esterni u mill-ESMA għal mhux aktar minn ħames snin wara li dak l-applikant ikun waqaf iwettaq il-funzjoni tiegħu jekk l-applikant ikun ġie rreġistrat bħala rieżaminatur estern. Meta l-ESMA tkun irrifjutat li tirreġistra rieżaminatur estern applikant jew meta l-applikant jirtira l-applikazzjoni tiegħu, jenħtieġ li d-data personali relatata ma' dak l-applikant tinżamm mill-ESMA għal mhux aktar minn ħames snin wara r-rifjut tar-reġistrazzjoni tal-applikant jew wara l-irtirar tal-applikazzjoni.

(8) Il-Kontrollur Ewropew għall-Protezzjoni tad-Data ġie kkonsultat f'konformità mal-Artikolu 42(1) tar-Regolament (UE) 2018/1725 u pprovda l-kummenti formali tiegħu fis-7 ta' Lulju 2025.

(9) L-ESMA wettqet konsultazzjoni pubblika miftuħa dwar l-abbozz tal-istandard tekniku ta' implementazzjoni li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament. L-awtorità analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Interessati tat-Titoli u s-Swieq stabbilit f'konformità mal-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([5]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

Artikolu 1

Format li għandu jiġi segwit għall-għoti tal-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2023/2631

(1) L-applikanti għar-reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern għall-Bonds Ekoloġiċi Ewropej għandhom jippreżentaw l-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2023/2631 fil-format stabbilit fl-Annessi ta' dan ir-Regolament.

(2) L-applikanti għandhom jipprovdu lill-ESMA bl-informazzjoni msemmija fl-Artikolu 23(1) tar-Regolament (UE) 2023/2631 f'format li jinqara mill-magni li:

(a) jippermetti li l-informazzjoni tibqa' aċċessibbli għal perjodu ta' żmien adegwat għall-finijiet tal-applikazzjoni;

(b) jippermetti r-riproduzzjoni bla tibdil tal-informazzjoni maħżuna.

(3) L-applikanti għandhom jipprovdu numru ta' referenza uniku għal kull dokument li jippreżentaw lill-ESMA. L-applikanti għandhom jiżguraw li d-dokumenti li jippreżentaw jidentifikaw b'mod ċar għal liema rekwiżit speċifiku tar-Regolament (UE) 2023/2631 jirreferu u f'liema dokument ipprovduta dik l-informazzjoni. L-applikanti għandhom jippreżentaw it-tabella stabbilita fl-Anness I ta' dan ir-Regolament bħala parti mill-applikazzjoni tagħhom u għandhom jidentifikaw b'mod ċar id-dokument li fih ikunu pprovdew l-informazzjoni meħtieġa.

([3]) Ir-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE (ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2018/1725/oj).

([4]) Ir-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE (Regolament Ġenerali dwar il-Protezzjoni tad-Data) (ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1, ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2016/679/oj).

([5]) Ir-Regolament (UE) Nru 1095/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Ewropea tat-Titoli u s-Swieq) u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/77/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 84), ELI: http://data.europa.eu/eli/reg/2010/1095/oj).

(4) Fejn rekwiżit tar-Regolament (UE) 2023/2631 ma japplikax għal applikazzjoni għar-reġistrazzjoni, l-applikanti għandhom jiddikjaraw dan fit-tabella rilevanti stabbilita fl-Anness ta' dan ir-Regolament u għandhom jipprovdu spjegazzjoni.

(5) L-applikanti għandhom jakkumpanjaw l-applikazzjoni tagħhom għal reġistrazzjoni b'ittra ffirmata minn membru tal-maniġment superjuri tal-applikanti, li tiċċertifika li l-informazzjoni ppreżentata hija preċiża u kompluta skont l-aħjar għarfien ta' dak il-membru, mid-data ta' dik is-sottomissjoni.

(6) Id-data personali relatata mal-applikanti għal reġistrazzjoni bħala rieżaminatur estern għandha tinżamm mir-rieżaminaturi esterni u mill-ESMA sakemm ikun meħtieġ għall-valutazzjoni tar-reġistrazzjoni inizjali u mhux għal aktar minn ħames snin wara li dak l-applikant ikun waqaf iwettaq il-funzjoni tiegħu. Meta l-ESMA tkun irrifjutat ir-reġistrazzjoni tar-rieżaminatur estern applikant jew meta l-applikant jirtira l-applikazzjoni tiegħu, id-data personali relatata ma' dak l-applikant għandha tinżamm mill-ESMA għal mhux aktar minn ħames snin wara r-rifjut tar-reġistrazzjoni tal-applikant jew wara l-irtirar tal-applikazzjoni.

Artikolu 2

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-12 ta' Settembru 2025.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

REFERENZI TAD-DOKUMENTI

Anness għal dan ir-Regolament li għalih tirreferi l-informazzjoni (II – VII)	Numru ta' referenza uniku tad-dokument	Titolu tad-dokument	Rekwiżit speċifiku tar-Regolament (UE) 2023/2631 li għalih tirreferi l-informazzjoni	Kapitolu jew taqsima jew paġna tad-dokument fejn hija pprovduta l-informazzjoni jew raġuni għalfejn l-informazzjoni mhix ipprovduta

ANNESS II

INFORMAZZJONI ĠENERALI TAL-APPLIKANT

Isem sħiħ tal-applikant		
Indirizz tal-uffiċċju rreġistrat fl-Unjoni	[*Pajjiż, belt, indirizz tat-triq, kodiċi postali*]	
Sit web		
Identifikatur tal-Entità Ġuridika (LEI, Legal Entity Identifier) (fejn disponibbli)		
Persuna/persuni ta' kuntatt	Isem	
	Titolu	
	Indirizz	[*Pajjiż, belt, indirizz tat-triq, kodiċi postali*]
	Indirizz tal-posta elettronika	
	Numru tat-telefown	
Status legali tal-applikant		

ANNESS III

STRUTTURA TA' SJIEDA TAL-APPLIKANT

Sid	Perċentwal mill-kapital	Natura tal-parteċipazzjoni	Persentaġġ tad-drittijiet tal-vot
[*Speċifika jekk hux persuna ġuridika jew fiżika*]		[*Diretta jew indiretta*]	

ANNESS IV

MEMBRI TAL-MANIĠMENT SUPERJURI U TAL-BORD TAL-APPLIKANT

Isem	Membru tal-Bord	Membru tal-maniġment superjuri	Data tat-twelid	Post tat-twelid	Rwol	Dokumenti ppreżentati		
						CV	Prova tal-assenza ta' rekords kriminali msemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (a), tar-Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2025/2180	Dikjarazzjoni ta' idoneità u ta' adegwatezza kif ukoll ta' kunflitti ta' interess imsemmija fl-Artikolu 1(2), il-punt (b), tar-Regolament Delegat (UE) 2025/2180
[*Isem*] [*Kunjom*]	[*Iva/Le*]	[*Iva/Le*]	[*JJ/XX/SSSS*]	[*Belt, Pajjiż*]		[*Numru ta' referenza uniku*]	[*Numru ta' referenza uniku*]	[*Numru ta' referenza uniku*]

ANNESS V

RIŻORSI ANALITIĊI TAL-APPLIKANT

(a) Informazzjoni dwar l-analisti, l-impjegati u persuni oħra li se jkunu involuti direttament fl-attivitajiet ta' valutazzjoni

Isem	Rwol	*Għżel il-kolonna adegwata*		Snin fir-rwol	Snin fl-industrija	CV
		Temporanju	Permanenti			
					[*pereżempju, l-għadd ta' snin ta' xogħol f'attivitajiet ta' evalwazzjoni simili għal dawk mitluba minn reviżur estern skont ir-Regolament (UE) 2023/2631.*]	[*Numru ta' referenza uniku tad-dokument*]

L-informazzjoni rigward l-għadd ta' impjegati għandha tkun ipprovduta fuq bażi ekwivalenti għal full-time (FTE, full-time equivalent) ikkalkulata bħala t-total ta' sigħat maħduma diviżi bl-għadd ta' sigħat massimi suġġett għal kumpens f'sena ta' ħidma kif definit mil-liġi nazzjonali rilevanti.

(b) Informazzjoni rigward l-attivitajiet ta' valutazzjoni

Tul ta' żmien stmat ta' rieżami estern	[*għadd ta' ġranet*]
L-għadd mistenni ta' valutazzjonijiet fl-24 xahar li jmiss	[*numru*]

(c) Informazzjoni dwar l-evalwazzjoni tal-applikant

Ir-raġunijiet li l-applikant iqis li l-għadd ta' analisti, ta' impjegati u ta' persuni oħra direttament involuti fl-attivitajiet ta' evalwazzjoni u r-rwoli tagħhom huma adegwati	
Ir-raġunijiet li l-applikant iqis li l-għadd u t-tul ta' żmien tar-rieżamijiet esterni huma adegwati	

ANNESS VI

POLITIKI U PROĊEDURI TAL-APPLIKANT

Punt	Suġġett	Numru ta' referenza uniku tad-dokument
1	Pjan ta' taħriġ u ta' żvilupp għall-analisti, l-impjegati u persuni oħra involuti direttament fl-attivitajiet ta' valutazzjoni	
2	Politiki u proċeduri stabbiliti biex jiżguraw: (a) il-kontinwità u r-regolarità fit-twettiq tal-attivitajiet ta' valutazzjoni; (b) is-salvagwardja tal-kunfidenzjalità u s-sigurtà tar-rekords u tad-dokumenti dwar is-servizzi pprovduti; (c) proċeduri amministrattivi u kontabilistiċi tajba; (d) l-adegwatezza tas-sistemi tal-ipproċessar tal-informazzjoni implimentati biex jissodisfaw l-obbligi ta' rieżaminatur estern.	
3	Politiki u proċeduri li jiddeskrivu l-qafas ta' kontroll intern [*Fil-każ ta' għadd kbir ta' dokumenti, id-dokumenti għandhom jiġu raggruppati skont l-oqsma rilevanti tal-qafas ta' kontroll intern.*]	
4	Politiki u proċeduri biex jiżguraw li l-qafas ta' kontroll intern jikkonforma mal-kriterji msemmija fl-Artikolu 5(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/2180	
5	Politika dwar l-informaturi li tiżgura li l-anonimità tal-informaturi tiġi salvagwardjata u r-ritaljazzjoni tkun ipprojbita	
6	Politika ta' remunerazzjoni li tiżgura l-indipendenza tal-impjegati soġġetti għal arranġamenti ta' kumpens varjabbli	
7	Proċeduri u metodoloġiji implimentati għall-ħruġ ta' rieżamijiet	
8	Termini ta' referenza tal-korpi ta' governanza, inkluż il-bord u, fejn stabbilit, il-kumitati tiegħu	
9	Minuti tal-aħħar laqgħa tal-bord	
10	Organigramma, inkluża l-identifikazzjoni tal-linji ta' rapportar u tal-funzjonijiet tax-xogħol	
11	Politika dwar il-kunflitti ta' interess	
12	Inventarju ta' kunflitti ta' interess attwali jew potenzjali u miżuri ta' mitigazzjoni proposti	
13	Informazzjoni dwar kif jiġu rieżaminati u approvati b'mod konsistenti sitwazzjonijiet potenzjali ta' kunflitti ta' interess, inklużi tranżazzjonijiet ma' partijiet relatati, negozjar akkont personali tal-impjegati, attivitajiet kummerċjali esterni u l-aċċettazzjoni ta' rigali u ospitalità	
14	Dokumenti u informazzjoni relatati ma' kwalunkwe arranġament ta' esternalizzazzjoni eżistenti jew ippjanat għall-attivitajiet tal-applikant bħala rieżaminatur estern koperti mir-Regolament (UE) 2023/2631, inkluża informazzjoni dwar entitajiet li jassumu funzjonijiet ta' esternalizzazzjoni msemmija fl-Artikolu 7(2) tar-Regolament Delegat (UE) 2025/2180, u l-evalwazzjoni ta' kif l-applikant se jiżgura l-konformità mal-Artikolu 33(1) ta' dak ir-Regolament	

ANNESS VII

ATTIVITAJIET OĦRA TAL-APPLIKANT

Attività	Deskrizzjoni	Offrut permezz ta' sussidjarji
[*Il-kodiċi NACE tal-attività, fejn disponibbli*]		[*Iva/Le: jekk iva, ipprovdi l-isem tal-entità*]